31989R2123

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2123/89

tal-14 ta' Lulju 1989

li jistabilixxi lista tas-swieq rappreżentattivi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 t'Ottubru 1975 fuq l-organiżżazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1249/89 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 jipprovdi għad-determinazzjoni għall-prezz tal-majjal maqtul fis-suq tal-Komunità minn prezzijiet miżmuma fis-swieq rappreżentattivi;

Billi, sabiex dan il-provvediment ikun jista' jiġi applikat, lista ta' swieq rappreżentattivi għandha tiġi mħejjija; billi riferenza għandha tiġi magħmula fl-iffissar tal-prezzijiet ta' karkassi tal-majjali għal kwotazzjonijiet ottenuti b'mod dirett mis-swieq jew mill-biċċeriji kif ukoll kwotazzjonijiet stabbiliti f'ċentri tal-kwotazzjoni u li fil-kollettività tagħhom jiffurmaw suq rappreżentattiv għal kull Stat Membru;

Billi fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fi Franza, fl-Olanda u fir-Renju Unit il-prezzijiet imħallsa mill-biċċeriji pubbliċi u privati huma magħrufa minn ċentru ta' kwotazzjoni wieħed jew aktar għar-reġjuni varji; billi fl-Italja, fl-Irlanda u fil-Lussemburgu, il-prezzijiet huma direttament rekordjati fl-iktar postijiet importanti għall-bejgħ, waqt li fil-Belġju u fl-Ispanja il-kwotazzjonijiet huma stabbiliti mill-medja ta' bejn il-kwotazzjonijiet innotati fis-swieq u fil-biċċeriji minn naħa waħda u fiċ-ċentri ta' kwotazzjoni minn naħa l-oħra;

Filwaqt li l-iskop ta' dan ir-Regolament hu li jieħu post il-lista stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 43/81 ta' l-1 ta' Jannar 1981 li jistabbilixxi l-lista tas-swieq rappreżentattivi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità [3], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3553/88 [4].

Billi l-miżuri li provvduti għalihom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-swieq rappreżentattivi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 għandhom ikunu s-swieq elenkati fl-Anness ta' hawn.

Artikolu 2

Riferenzi għar-Regolament (KEE) Nru 43/81, għandhom jiġu mfissra bħala riferenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei.

Għandu japplika b'mod effettiv mill-1 ta' Lulju 1989.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 129, tal-11.5.1989, p. 12.
[3] ĠU L 3, ta' l-1.1.1981, p. 15.
[4] ĠU L 311, tas-17.11.1988, p. 4.

L-ANNESS

Lista tas-swieq rappreżentattivi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità

1. Iċ-ċentru ta' kwotazzjoni segwenti:	Anderlecht
u	
l-grupp ta' swieq segwenti:	Genk, Lokeren, Herve
2. Iċ-ċentru ta' kwotazzjoni segwenti:	Copenhagen
3. Il-grupp segwenti ta' ċentri ta' kwotazzjoni:	Kiel, Hamburg, Bremen, Hannover, Oldenburg, Muenster, Duesseldorf, Trier, Frankfurt am Main, Stuttgart, Nuernberg, Muenchen
4. Il-grupp segwenti ta' ċentri ta' kwotazzjoni:	Ebro, Mercolrida, Mercovélez, Segovia, Segura, Silleda
u	
l-grupp ta' swieq segwenti:	Murcia, Barcelona, Burgos, Fuenteovejuna, Lugo, Pozuelo de Alarcon, Alhama de Murcia, Mollerusa, Calamocha, Segovia, Olvega
5. Il-grupp segwenti ta' ċentri ta' kwotazzjoni:	Rennes, Lyon, Nantes, Clermont-Ferrand, Bordeaux, Caen, Lille, Toulouse, Metz, Orléans
6. Il-grupp segwenti ta' ċentri ta' kwotazzjoni:	Alexandroupolis, Serres, Ioannina, Larissa, Chalkis, Pyrgos, Heraklion
7. Il-grupp segwenti ta' swieq:	Cavan, Rooskey, Roscrea, Tralee u Mitchelstown
8. Il-grupp segwenti ta' swieq:	Milano, Cremona, Mantova, Modena, Parma, Reggio Emilia, Macerata/Perugia
9. Il-grupp segwenti ta' swieq:	Il-Lussemburgu, Esch
10. Iċ-ċentru ta' kwotazzjoni segwenti:	Copenhagen
11. Iċ-ċentru ta' kwotazzjoni ta' Bletchley għall-grupp ta' reġjuni segwenti:	l-Iskozja, L-Irlanda ta' Fuq, Wales u l-Punent ta' l-Ingilterra, l-Ingilterra ta' Fuq, L-Ingilterra tal-Lvant